MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1151/1998/1

**Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota tat-3 ta' Gunju 2005 l-isem tas-socjeta' attrici gie mibdul u sostitwit ghall-HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Diane Lesley Vella armla ta' Lawrence Vella u b'nota tat-3 ta' Mejju 2001 Mary Ellen Hardie assumiet l-atti tal-kawza stante li Diane Lesley Vella kienet assenti, u b'nota tad-9 ta' Novembru 2007 Diane Lesley Vella regghet assumiet l-atti tal-kawza personalment u Dr. Joseph Chetcuti u PL Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-10 ta' Novembru, 1999 gew appuntati kuraturi deputati in rapprezentanza ta' l-eredita' giacenti ta' Lawrence Vella u b'digriet tal-21 ta' Novembru, 2001 gew kjamati in kawza Mandy u Emma Jane ahwa Vella u b'digriet tal-11 ta' Frar, 2002 Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-**

**imsemmija Mandy u Emma Jane ahwa Vella assenti minn dawn il-Gzejjer.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi Lawrence Vella miet fil-11 ta' Ottubru 1996, hekk kif jidher mic-Certifikat tal-Mewt li qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dokument 'A';

Peress illi l-mejjet Lawrence Vella ghandu debitu mal-Mid-Med Bank p.l.c. li skond l-istatement of account tas-7 ta' Marzu 1998 jammonta ghal tnejn u tletin elf disa' mija sebgha u erbghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm32,947.58c) (Dokument 'B') liema debitu jirrapprezenta '*encroachment'* fuq il-kont;

Peress illi Lawrence Vella kien marid serjament ghall-perijodu ta' zmien qabel ma' miet hekk kif jidher mic-certifikat tal-mewt tieghu;

Peress illi dan huwa dejn li Lawrence Vella ghamel matul iz-zwieg u li skond il-ligi li tirregola l-komunjoni ta' l-akkwisti fiz-zmien meta sar dan l-istess dejn, dan id-dejn jinkombi fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Peress illi ftit xhur qabel ma' miet Lawrence Vella permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Gunju 1996 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa' ghamel ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejnu u bejn martu l-konvenuta;

Peress li hekk kif jidher f'paragrafu 4(a) u 4(b) ta' l-imsemmi kuntratt, hawn anness u mmarkat Dokument 'C',

Lawrence Vella assenja sehmu ta’ nofs indiviz ta’ zewg flats lil martu l-konvenuta u cioe’:

(a) In-nofs indiviz tal-flat internament immarkat numru hamsa (5) formanti parti minn blokk ta’ flats bla numru u jismu Qawra Point Court blokk sitta (6), b’entratura komuni mal-blokk sitta ittra ‘A’ (6A) li hija bla numru ufficjali f’Ras il-Qawra Road, Qawra, limiti ta’ San Pawl il-Bahar; konfinanti dan il-blokk mill-Punent ma’ drive in komuni u mill-irjieh l-ohra kollha ma’ gid ta’ Melitas Properties Limited, jew l-aventi kawza taghha kif suggett l-imsemmi flat fl-intier tieghu ghac-cens annwu u perpetwu ta’ (Lm40) erbghin lira Maltin altrimenti liberi u frank, bid-drittijiet u perinenzi kollha tieghu, nghata l-valur ta’ tmint elef lira Maltija (Lm8,000) mill-partijiet fuq l-imsemmi kuntratt u;

(b) n-nofs indiviz tal-flat internament immarkat numru sbatax (17) li jinsab fil-*first floor level* formanti parti minn blokk bla numru ufficjali mmarkat mhux ufficjalment bin-numru erbgha (4) ittra ‘A’ (4A), f’Qawra Point Court, Qawra Road, Qawra, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, kif ukoll il-*washroom* numru sbatax (17) kif ukoll kwart indiviz tal-partijiet komuni tal-blokk, kif suggetti l-imsemmija flat u *washroom* flimkien ghac-cens annwu u perpetwu ta’ (Lm27) sebgha u ghoxrn lira Maltin, altrimenti liberi u franki bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom, inghata wkoll il-valur ta’ tmint elef lira Maltin (Lm8,000) mill-partijiet fuq l-istess kuntratt;

Peress illi x-xoljiment tal-komunjoni u s-segwenti assenjament ta’ nofs indiviz fl-imsemmija zewg flats sar gratwitament minn Lawrence Vella meta kien konsapevoli tad-dejn mal-Mid-Med Bank p.l.c. u ghalhekk dan il-kuntratt sar b’qerq u ngann da parti ta’ Lawrence Vella u dan sabiex il-bank attur jigi defrawdat minn dak li ghandu jiehu minghand l-istess Lawrence Vella;

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

(1) Tikkundanna lill-konvenuti pro et nomine jew lil min minnhom ihallsu l-ammont ta’ tnejn u tletin elf, disa’ mija sebgha u erbghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm32,947.58) lill-Mid-Med Bank p.l.c. bl-imghax kummercjali mill-21 ta’ Settembru 1997;

(2) Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta’ xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti datat 24 ta’ Gunju 1996 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa’ sar b’qerq u bi hsara tal-jeddijiet tal-Bank attur bl-intenzjoni li dan jigi defrawdat mid-drittijiet tieghu;

(3) Tiddikjara li l-istess kuntratt tal-24 ta’ Gunju 1996 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa’ li bih assenja n-nofs indiviz tal-fondi fuq deskritti lill-konvenuta bhala null u bla effett;

(4) Tordna t-thassir, rexxissjoni u annullament tal-kuntratt imsemmi, li ghandhom joperaw in forza tas-sentenza li din il-Qorti joghgobha taghti; u

(5) Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti jersqu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att notarili ta’ rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi tal-24 ta’ Gunju 1996 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa’ u ghal dan il-ghan tinnomina nutar biex jippubblika l-att ta’ rexxissjoni opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi konvenuti** a fol. 50 tal-process fejn eccepew:

1. Illi mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk mhumiex f’posizzjoni li jaghmlu eccezzjonijiet formali taghhom;

2. Illi in vista tal-premess huma jirrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet formali fi stadju ulterjuri meta jigu edotti mill-fatti.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine** a fol. 101 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-gudizzju mhux integru peress l-eredita' tal-mejjet zewgha Lawrence Vella ddevolviet fuq uliedha li jisimhom Mandy u Emma Jane ahwa Vella suggett ghall-uzufrutt taghha a tenur tat-testment tal-24 ta' Settembru 1991 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument A.

2. Illi hija s'issa ghadha m'accettatx l-eredita' tal-mejjet zewgha Lawrence Vella u skond il-ligi ghandha zmien ghaxar snin biex taghmel dan u dan skond il-ligi stante illi l-konvenuta ghadha qed tiddelibera ghandiex taccetta dan il-wirt jew le u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija ntempestiva;

3. Illi hija mhiex debitrici tal-attur stante li hija qatt ma hadet b'self jew *overdraft* kwalsiasi somma mill-attur u kwalsiasi dejn li sar minn terzi ghandu se mai jekk jirrizulta jkun a karigu tieghu u/jew tal-eredi tieghu u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi hija qatt ma ggarantiet id-dejn ta' zewgha u ghalhekk kull dejn li seta' ghamel zewgha huma a karigu tieghu u/jew tal-eredi tieghu; illi l-Artiklu 1324 tal-Kodici Civili jistipula illi atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita' dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi kif jistipula l-Artiklu 1322 (3)(h) il-kuntratt ta' garanzija huwa kuntratt ta' amministrazzjoni straordinarja u l-eccipjenti ma obbligat ruhha qatt versu l-attur u mhiex ghahekk debitrici tieghu.

6. Illi bla pregudizzju ghall-premess hija b'kuntratt pubblikat minn Nutar Carmel Gafa' fl-24 ta' Gunju 1996, bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili ppubblikaw kuntratt ghas-separazzjoni tal-beni biex b'hekk l-assi tal-konjugi Vella gew divizi bejniethom a tenur tal-ligi.

7. Illi a tenur tal-ligi l-proprjeta' in kwistjoni hija proprjeta' parafernali tal-eccipjenti u ghalhekk hija qatt ma ggarantiet id-dejn ta' zewgha la bi skrittura privata u wisq inqas b'xi att pubbliku.

8. Illi l-frodi allegata m'ghandiex tkun presunta imma trid tigi ppruvata u dan kif jistipula l-Artiklu 981 tal-kodici Civili.

9. Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi** a fol. 127 tal-process fejn eccepew:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu aktar eccezzjonijiet 'il quddiem.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta** a fol. 321 tal-process:

Li biha teccepixxi l-preskrizzjoni tal-kawza odjerna a bazi tal-Artiklu 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell a fol 95 tat -22 ta' Marzu 2001;

Rat is-sentenza preliminari a fol 343 tas-26 ta' April 2006 li biha cahdet l-eccezzjoni ulterjuri;

Rat in-nota' ta' rinunzja tal-kjamati fil-kawza a fol 356;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Talbiet**

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jezercitaw l-azzjoni Pauliana fejn qed jallegaw li l-konjugi Lawrence u Diane Vella permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta' Gunju 1996 fl-att tan-Nutar Dr. Carmel Gafa', Lawrence Vella assenja nofs indiviz tal-fondi deskritti fic-citazzjoni sabiex il-bank jigi defrawdat mid-drittijiet tieghu ta dak li huwa dovut lilu mill-konvenuti. Ghalhekk il-Bank talab ir-rexissjoni u annullament tal-kuntratt imsemmi u li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma dovuta minnhom ta' Lm32,947.58 bl-imghax kummercjali mill-21 ta' Settembru 1997.

**Kontestazzjoni**

Skond l-atturi, l-malafede, qerq u ingann tal-konvenuti jirrizultaw mill-fatt li skond il-kuntratt ta' separazzjoni Lawrence Vella ittrasferixxa lill-martu sehmu mill-*flats* gratwitament meta kien jaf bid-dejn li kellu mal-Bank. Inoltre huwa kien inxurja ruhhu meta kien jaf li kien marid serjament, u fil-fatt il-kumpanija assikuratrici ma kinitx onorat il-polza minhabba dan il-qerq u ngann stante li Vella ma kienx informa lill kumpanija bil-marda li kellu. L-atturi jsostnu li l-kuntratt ta' separazzjoni kien fittizju billi Lawrence Vella u martu baqghu jghixu flimkien avolja kienu ghamlu s-separazzjoni (ara xhieda Mrs. Hardy). Isostnu li l-konvenuta tant kienet taf bis-self li ha zewgha li tat il-kunsens taghha ghalih u ggarantit dana s-self permezz ta' plegg fuq il-polza ta' assikurazzjoni imsemmija. (ara fol 308). Il-plegg kien inghata miz-zewg konjugi ghalhekk il-konvenuta ma tistax tghid li kien hemm il-kunsens nieqes.

Il-konvenuta tissottometti li hija ma kienitx taf b'dak li kien ghamel zewgha u s-self kien inghata unikament lill zewgha, u hija qatt ma tat u ma riedet li taghti l-kunsens taghha lill Bank u lill-zewgha biex jissellef il-flus mill-bank.

Inoltre s-separazzjoni tal-beni saret biex tigi mharsa l-proprjeta’ ta’ ommha (liema proprjeta’ hi kienet qed izzommha f’isimha bhala mandatarja prestanome taghha) li zewgha setgha jghabbiha bid-dejn, u biex tigi mharsa l-proprjeta’ parafernali taghha, kif kienet obbligata li taghmel skond il-ligi 1124A Kap 16. Il-konvenuta tirritjeni li hi ma kelliex intenzjoni li tiddefrawda lill bank u ssostni li l-Bank silef il-flus lill zewgha minghajr il-kunsens bil-miktub taghha. (ara Art 1322(3)(F) tal-Kap16). Tikkonkludi l-konvenuta ghalhekk li l-flus mhumiex dovuti minnha u lanqas mill-eredi wliedha billi dawna rrinunzjaw ghall-wirt.

**Actio Pauliana**

Illi l-Artikolu 1144(1) tal-Kap 16 jipprovdi li:

Kull kreditur jista’ wkoll f’ismu jattakka l-atti maghmula b’qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju tal-esekuzzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 795 sal-801 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

(2) Jekk dawn l-atti jkunu b’titolu oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt.

(3) Jekk dawn l-atti jkunu b’titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur.

Illi z-zewg elementi necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana huma l-“*eventus danni*” u l-“*consilium fraudis*”.

*(1) l-“eventus danni” bi hsara tal-kreditur domandanti, billi d-debitur bl-att impunjat ikun almenu ppeggjora l-pozizzjoni finanzjarja tieghu, u*

*(2) il-“consilium fraudis”, cjoe l-intenzjoni da parti tad-debitur li jaghmel hsara lill-kreditur, u l-partecipazzjoni tat-terz kontraent f’din l-intenzjoni.*

*Ghad-debitur, il-“consilium fraudis” jikkonsisti filli huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu nsolventi bis-sahha tal-att minnu kompjut, ossija li huwa jkun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta’ nsolvenza jew ta’ “minorata solvibilita”.*

*Ghat-terz, jirrikorri l-“consilium fraudis” kull meta fil-waqt li qieghed jikkuntratta mad-debitur, huwa jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta’ hsara ghall-kreditur.” (Vol 34 p3 p 851).*

Illi l-Qrati dejjem apprezzaw id-diffikulta li wiehed jipprova l-“*consilium fraudis*” u ghalhekk qatt ma rrikjedew prova tal-“*animus nocendi*” u dejjem irritenew li mic-cirkostanzi wiehed seta’ jiddeduci l-intenzjoni tad-debitur u tat-terz li jiddefrawdaw lill-kreditur.

**Provi**

Skond Edgar Busietta ex Manager tal-bank attur, il-konvenut Larry Vella kien klijent tal-bank f’ismu personali. Hu kellu *overdraft* ta’ Lm5,000 u hallih jiskorri l-*overdraft* li kellu billi Vella riedu jaghmel refurbishment tal-Lido u jbieghu. Il-ftehim kien li kellu jkun hemm *encroachment* zghir minn Vella ghal ftit zmien sakemm ibiegh il-Lido. Vella kien inghata facilita’ ta’ Lm35,000 u Busietta kien staqsa lill-Bank kif tawh daqshekk u dawn qalulu li Vella kien qallhom li kien hemm il-permess tieghu. Ghalhekk hu kien baghat ghall Vella biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu u qallu biex jiehu *loan* u jhallas bil-kwiet. Vella pero’ qallu li l-mara tieghu ma riditx u hafna kliem bhal dan u l-*loan* baqghet ma saritx. Vella baqa b’din l-*encroachment*. Ix-xhud jghid li Vella kien imur wahdu l-bank u li l-mara qatt ma marret il-bank. Wara li miet Vella hu kien baghat ghal Diane Vella biex tiehu *over* il-*facility* izda hi m’accettatx. Hi kienet iffirmat biss *pledge* ta’ *insurance policy* izda qatt ma ffirmat ghal *loan*. Id-dejn li kien ghamel Larry Vella kien *encroachment* bla *agreement*, fuq il-kelma tieghu. Ix-xhud jghid li Diane Vella ma kienitx tidher li kienet taf x’kien qed jaghmel ir-ragel bl-affarijiet tal-bank u l-impressjoni tieghu kienet li Larry Vella ma kienx qed jghid lill mara ghax kien qed jibza jghidilha li kellu bzonn *security* ohra ghal *encroachment* li ha.

Min-naha l-ohra Diane Vella xehdet bl-Ingliz li: *she got to know that her husband was loaning some money from the bank for his business only when Mr. Busietta phoned her. Defendant said that she did not agree to her husband taking out any loans from the bank. Infact she made the deed of separation of estate as she did not want to be burdened with her husband's indebtedness as she did not agree that he should take loans from Banks or other financial institutions. After her husband's demise Mr. Busietta phoned her to meet him, and when she went for the meeting he told her of her husband's outstanding debts with the Bank and asked her to start paying monthly the loan. She replied that she was not responsible for the payment of loans which she did not approve and did not sign for. It resulted that the bank had given her husband the loan on no collateral and on the understanding only that he was going to sell the Lido.*

*When she signed the contract of separation of estate she did not know that her husband had taken a loan from the bank. Her husband had told her that he wanted to loan money from the bank. However she did not agree that he should take the loan. All the property was assigned to her, as she wanted the property in her name, as she had problems with her husband and was going to leave him, Her husband had taken some loans from friends and family. She knew her husband had an insurance policy, because she had to sign the contract and also signed a pledge form with the bank.*

*On being cross examined defendant Diane Vella stated that when Mr. Busietta asked her to sign some documents, she told him that she would first talk to her husband. The first time her husband didn't tell her that there was a loan, but the second time he told her that he wanted to take a loan and she refused and did not sign. She just signed for the insurance as it was just an insurance policy.*

*As regards the apartments defendant explained that one belonged to her parents and the other was where she*

*lived. Her parents bought their property in her name and her mother lived there.*

**Eccezzjonijiet**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta dwar l-integrita' tal-gudizzju, il-Qorti kienet ordnat il-kjamat fil-kawza ta' l-ulied eredi Mandy u Emma Jane Vella.

Dwar it-tieni eccezzjoni ma jirrizultax li Diane Vella rrinuzjat ghal-wirt ta' Larry Vella. Dan kien halla lill konvenuta bhala uzufruttwarja tal-beni kollha tieghu (ara testment fol 104) u wara li miet zewgha l-konvenuta baqghet tiggestixxi n-negozju u l-kumpanija li kienet tmexxi ma' zewgha u tiehu l-profitti minn hemm.

Mill-atti processwali jirrizulta li Mandy u Emma Jane, li gew nominati eredi ta' Lawrence Vella, irrinunzjaw ghall wirt b'nota li giet ezibita a fol 354 datata 21 ta' Gunju 2006. L-atturi pero' jsostnu li dawn kienu accettaw l-eredita' ta' missierhom billi fil-*general meetings* tal-kumpanija, Diane Vella kienet dehret ghaliha nnifisha u ghal *legal heirs* kif jirrizulta mix-xhieda ta' Charles Attard (a fol 260) u mid-dokumenti (a fol 252). Charles Attard jikkonferma li llum il 499 *shares* qeghdin fuq l-eredi ta' Lawrence Vella kif rapprezentati minn Diane Lesley Vella.

L-accettazzjoni ta' wirt tista' tkun espressa inkella tacita. Hi espressa meta wiehed jiehu l-kwalita' ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata. Hi tacita meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaccetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jaghmel jekk mhux bhala werriet. (Art 850 tal-Kap 16).

Fil-kaz in ezami l-ahwa Vella accettaw sehemhom mill-kumpanija ta' missierhom u ghandhom 499 shares fil-kumpanija u qed tidher ghalihom ommhom fil-*meetings* tal-kumpanija.

L-ahwa Vella pero' qed jinsistu li huma rrinunzjaw ghal wirt ta' missierhom kif jirrizulta min-nota li huma pprezentaw. Izda skond l-artikolu 869 tal-Kap 16 l-

imsejhin ghall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt, jitilfu, wara tlett xhur mill-ftuh tas-successjoni, jew minn dak in-nhar li jkunu jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja ghal dak il-wirt.

Fil-kaz in ezami l-ahwa Vella huma fil-pussess tas-*shares* li kellu missierhom fil-kumpanija (ara xhieda Charles Attard) u ghalhekk issa ma jistghux jirrinunzjaw ghal dan il-wirt wara li ghaddha dan iz-zmien kollu.

*Actio Pauliana*

Dwar it-talba ta' l-atturi biex il-Qorti tiddikjara li x-xoljiment tal-kommunjoni ta' l-akkwisti datat 24 ta' Gunju 1996 (Dok fol 8 et seq) sar b'qerq u bi hsara tal-jeddijiet tal-Bank, il-konvenuta qed teccepixxi li:

Hija qatt ma hadet self jew *overdraft* mill-bank;
Hija qatt ma ggarantit id-dejn ta' zewgha;
Li s-separazzjoni tal-beni saret legalment bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili;
Li l-proprjeta' in kwisjtoni hi proprjeta' parafernali taghha;
Li l-allegata frodi trid tigi ppruvata u mhux presunta.

Mill-provi prodotti tirrizulta din il-kronologija tal-fatti kif graw:

Larry Vella kellu *overdraft* ta' Lm5,000 mal-Bank u din giet *encroached* sa l-ammont ta' Lm35,000 minghajr *collateral*. Il-bank gie skopert u pprova jaghti *loan* lill Vella biex jigi kopert, izda Vella m'accettax li jiehu *loan* ghax qal li l-mara ma rieditx.
Il-konvenuta qatt ma tat il-kunsens jew approvat li zewgha jiehu din il-*loan*.
F' Marzu 1996 il-konjugi Vella kienu ghamlu *Life Insurance* (meta kienu jafu li Larry Vella kien marid serjament) u offrewha lill Bank bhala plegg u giet iffirmata mill-konvenuta fl-20 ta' Mejju 1996. (ara fol 309).
Fl-24 ta' Gunju 1996 il-konjugi Vella ghamlu kuntratt ta' separazzjoni tal-beni u Larry Vella assenja sehemu minn-zewg *flats* lill konvenuta Diane Vella. (ara fol 8 et seq).
Larry Vella miet fil-11 ta' Ottubru 1996. (ara fol 6).

L-ewwel darba li l-Bank manager kien cempel lill Diane Vella biex tiffirma xi dokumenti kien tmintax il-xahar qabel miet Larry Vella.

Dwar id-debitur, il-mejjet Larry Vella, ma hemmx dubbju li huwa kien jaf li meta kien qed jaghmel is-separazzjoni tal-beni min martu hu kien se jiddefrawda lill bank mill jeddijiet tieghu billi hu kellu jaghti lil bank u b'dak l-att huwa kien qed icahhad il-bank milli jigbor flusu.

Dwar Diane Vella din tghid li l-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ma sarx biex jigi defrawdat il-bank mill-jeddijiet tieghu u li hi ma kienitx taf li r-ragel kellu dejn mal-bank. Hi xehdet li ghamlet il-kuntratt ghax:

*She did not agree that he should take the loan.*
*She wanted the property in her name,*
*She had problems with her husband and was going to leave him,*
*Her husband had some loans from friends and family.*

Il-konvenuta Diane Vella ssostni li l-proprjeta' kienet taghha u tal-genituri taghha. Illi skond il-kuntratt ezibit a fol 8 et seq jirrizulta li l-beni li gew assenjati lilha minn zewgha kienu beni tal-komunjoni tal-akkwisti fosthom dawn iz-zewg appartamenti. Il-*flat* 5, Lawrence Vella kien akkwistah fil-1987 matul iz-zwieg tieghu ma' Diane Vella, filwaqt li Diane Vella akkwistat il-flat 17 matul iz-zwieg ukoll. B'konsegwenza tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti Lawrence Vella assenja lill Diane Vella b'titolu ta' divizjoni u likwidazzoni ta' l-istess komunjoni sehemu ta' nofs indiviz taz-zewg flats.

Mhux verosimili li l-konvenuta ma kientx taf li zewgha kellu dejn mal-Bank. Hi kienet taf li zewgha kellu dejn ma' tal-familja u mal-hbieb pero' tghid li ma kientx taf li kellu dejn mal-Bank, u dana meta zewgha kien diga ssellef mil-bank gja minn 1993. Jirrizulta li l-bank manager kien diga baghat ghaliha biex tiffirma d-dokumenti tmintax il-xahar qabel miet zewgha u qabel ma hargu l-insurance u ghamlu s-separazzjoni tal-beni.

Il-konvenuta tammetti li kienet tat lill Bank bhala plegg *insurance policy* li hija u zewgha kienu hargu. Din il-polza kienet inharget meta kienu jafu li Lawrence Vella kien marid serjament. Meta l-konvenuta ppleggjat il-polza mal-bank, b'hekk hi kienet qed taccetta li qed taghmel tajjeb ghad-dejn li kien ghamel zewgha mal-bank. B'hekk hi ggarantit is-self li kien ghamel zewgha u kienet anke approvatu. Fil-fatt il-plegg inghatat "*in consideration of the bank granting and/or continuing credit and banking facilities to Lawrence Vella*" (fol 309).

Ghalkemm il-konvenuta tghid li hija ma kinitx taqbel li zewgha jiehu l-*loan*, jirrizulta li *encroachment* sar matul iz-zwieg u dana kien jolqot il-kommunjoni ta' l-akkwisti u effettivament il-konvenuta rrikonoxxitu meta accettat li taghmel il-plegg mal-bank. F'dan il-kaz il-plegg inghatat bhala garanzija miz-zewg konjugi li ffirmaw ghalih u ghalhekk ma kienx hemm xejn invalidu jew kontra l-artikolu 1322(3) (f) u (i) tal-Kap 16 ghax nieqes mill-kunsens.

Ghalkemm il-konvenuta tghid li hija ghamlet il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ghax hija kellha l-problemi ma zewgha u kienet se titilqu, mill-provi ma jirrizulta xejn minn dana anzi jirrizulta li hija baqghet tiehu hsiebu sakemm miet.

Jirrizulta wkoll li l-facilita' li nghatat lill Lawrence Vella kienet biex hu jiggestixxi u jirranga l-Lido li hu kien qed imexxi ma' martu permezz ta' kumpanija, u wara l-mewt ta' Lawrence Vella l-konvenuta baqghet tmexxi dana l-Lido u tiehu l-profitti minnu sal lum.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni l-iskop tal-konvenuta u zewgha kien biex il-bank ma jkunx jista' jesegwixxi fuq l-proprjeta' immobbli li giet trasferita lilha u l-kreditu tieghu jigi eluz.

Il-Qorti tirrileva li skond l-atturi, l-konvenuta bieghet l-appartament numru 5 in kwistjoni lill Edwin Craus skond ma jirrizulta min-nota a fol 182 tal-process. Ma jirrizulta minn imkien li fil-kaz ta' dan Craus li kien hemm il-

*consilium fraudis* li trid il-ligi u lanqas ma jirrizulta li t-trasferiment kien b'mod gratuwitu. Ghalhekk dana l-bejgh ma jistax jigi attakkat.

Il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta hija responsabbili ghad-dejn ta' zewgha sa sehemha mill-kommunjoni ta' l-akkwisti, mentri l-kjamati fil-kawza bhala l-eredi ta' Lawrence Vella huma responsabbili ghal kumplament.

Dwar l-ammont dovut lill-atturi, xehed il-P.L Adrian Borg li pprezenta Statement of Account datat mill 21/9/1997 sa 16/6/2007 (Dok AB fol 376).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi

Tikkundanna lill-konvenuti u kjamati in kawza jhallsu l-ammont ta' sitta u sebghin elf, seba' mija sebgha u erbghin euro u tmienja u hamsin centezmi (Euro 76,747.22 eqwivalenti ghal tnejn u tletin elf, disa' mija sebgha u erbghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu - Lm32,947.58) lill-atturi;

Tiddikjara li l-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti datat 24 ta' Gunju 1996 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa' sar b'qerq u bi hsara tal-jeddijiet tal-Bank attur bl-intenzjoni li dan jigi defrawdat mid-drittijiet tieghu;

Tiddikjara li l-istess kuntratt tal-24 ta' Gunju 1996 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa' li bih Lawrence Vella assenja n-nofs indiviz tal-fond numru 17 fuq deskritt lill-konvenuta bhala null u bla effett;

Tordna t-thassir, rexxissjoni u annullament tal-kuntratt imsemmi fir-rigward ta' l-imsemmi appartament;

Tikkundanna lill-konvenuti u kjamati fil-kawza biex fi zmien tlett xhur jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att notarili ta' rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi tal-24 ta' Gunju 1996 fl-

atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa’ fis-sens fuq indikat u ghal dan il-ghan tinnomina lill istess nutar biex jippubblika l-att ta’ rexxissjoni opportun u lill Dr. Adrian Camilleri kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u l-kjamati n kawza ndaqs bejnithom u bl-imghax kummercjali mill- 21 ta’ Settembru 1997.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------